Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **43**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| L-Imdina: | Kunsilliera is-Sa Maryanne Sultana |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Ħad-Dingli: | Sindku Raymond Schembri |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**43.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

43.01.01 Il-President talab sabiex inżommu minuta silenzju wara li fl-aħħar xahar kellna l-aħbar tal-Mewt tal-Eks Sindku u Ex Kunsillier tal-Qrendi s-Sur Daniel Farrugia u l-Ex Kunsillier fil-lokal ta' Ħad-Dingli John Baptist Camilleri.

43.01.02 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg u is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżżlu skużati.

**43.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 42;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 42 li saret nhar it-28 ta' Ottubru 2024.

Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri staqsa jekk intbagħtitx l-email lil IM u TM rigward il-laqgħa biex titjieb is-sigurta' fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-membri tal-Kunsill jekk jixtiequx li mmorru għand IM u TM bħala Reġjun jew inkella bħala Kunsill Lokali Qrendi. Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus qal li għandna mmorru għand dawn l-entitajiet b' soluzzjonijiet. Semma ukoll li għandhom isiru proposti għal trasferiment ta' toroq minn distributorji għal arterjali. Il-membri preżenti qablu li din it-talba għandha issir bħala Reġjun.

Sekondant: is-Sindku ta Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**43.03 Punti imqajjma mill-Minuti numru 42**

43.03.01 Nhar il-30.10.24 gie iffirmat il-Kuntratt mal-PRO's

43.03.02 Nhar it-08.11.24 ittellgħu b'suċċess il-Budget Proposal Workshop għall-Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi u Team Building Event għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali.

**43.04 Komunikazzjoni mill-President**

43.04.01 Nhar it-30.10.24 saret l-attività ta' ġbir taż-żebbuġ ġewwa l-lokalita' tal-Imqabba.

43.04.02 Nhar it-31.10.24 il-Maniġier tal-Fondi Lokali/Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Organisation se torganizza 4 sessjonijiet onlajn fejn fihom se jingħata tagħrif u taħriġ dwar il-kumpilazzjoni tar-rendikonti finanzjarji.

43.04.03 Nhar it-31.10.24 irċevejna mingħand l-ERA statistika fir-rigward tal-iskeda tal-iskart u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart.

43.04.04 Nhar it-31.10.24 irċevejna mingħand is-Sa Micallef fejn flimkien mal-Ministeru għat-Transport Infrastruttura, u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-imsieħba Maltin oħra se jorganizzaw workshop biex jiksbu l-kontribut u 'feedback' dwar l-ittestjar ta' xarabank elettrika awtonoma f'Malta u Għawdex.

43.04.05 Nhar it-31.10.24 irċevejna Cir AKL 2024/076 ALDA Training Sessions 02 & 03.12.2024. L-għan ta' dan it-taħriġ huwa li jitwassal aktar għarfien fuq preparamenti u żvilupp ta' proposti li wieħed jista' jfassal sabiex jissottometti proġetti taħt Programm ta' Fondi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll li wieħed ikun jista' jesplora liema hu l-aħjar programm ta' fondi li japplika għalih.

43.04.06 Nhar it-31.10.24 ġejna infurmati li l-proġett "Cities Go Climate Neutral" wasal fi tmiemu wara sentejn ta' kollaborazzjoni ma' msieħba differenti u partijiet interessati lokali.

43.04.07 Nhar il-01.11.24 irċevejna Ċir AKL 2024/077 Fun Run 2024.

43.04.08 Nhar l-01.11.24 irċevejna stedina mill-Ministeru tas-Saħħa, l-Onorevoli Jo Etienne Abela, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, għall-konferenza stampa rigward 'Is-Saħħa Mentali u Servizzi Mediċinali fil-Komunità'.

43.04.09 Nhar it-02.11.24 u 06.11.24 saret l-attivita ta' ġbir taż-żebbug ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbug.

43.04.10 Bejn it-02 sa 06.11.2024, membru mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katerina V.M. taż-Żurrieq attenda għal 'JMI DigiBazar Communications training' ġewwa Limassol Ċipru.

43.04.11 Nhar it-03.11.24 saret l-attività ta' ġbir taż-żebbug ġewwa l-lokalita' ta' Ħal Safi.

43.04.12 Nhar l-04.11.24 irċevejna stedina mid-Direttorat tal-kultura sabiex kemm Kunsilli Lokali kif ukoll individwi mill-istess lokalità jipparteċipaw fil-kompetizzjoni jew Wirja Nazzjonali tal-Presepji u Pasturi 2024-2025.

43.04.13 Nhar l-04.11.24 irċevejna mingħand il-Maniġer tal-Kultura tal-Lvant fejn bħala parti mir-Regjun Kulturali wettqu progett ma www.virtualmalta.com. Dan il-proġett juża teknoloġija VR biex jipprovdi pjattaform edukattiva li tippromwovi il-wirt storiku kulturali ta' Malta. Dan ser ikun estiż 'l quddiem inkluż fir-Reġjun tagħna.

43.04.14 Nhar l-04.11.24 irċevejna mingħand DLG Ċirkulari Numru 5/2024 Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2024.

43.04.15 Nhar il-05.11.24 irċevejna minn Dr. Silvio fejn infurmatna li d-diviżjoni għall-Gvern Lokali tinsab f'diskussjonijiet mal-Arkivji Nazzjonali sabiex jiġi stabbilit x'dokumentazzjoni miżmuma mill-Kunsilli Lokali għandha eventwalment tiġi mgħoddija lill-Arkivji Nazzjonali sabiex tiġi arkivjata hemmhekk. Għal dan il-għan

aħna mitluba sabiex nindikaw lid-Diviżjoni, l-kategoriji ta' dokumenti li l-Kunsill għandu fil-pussess tiegħu u jekk iż-żmien għaż-żamma tad-dokumenti jkun għadda skont ir-retention policy,ma tarmu/ tiddisponu minn ebda dokumenti, għaliex jista' jkun li jkunu ta' rilevanza għall-Arkivji Nazzjonali skont l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali.

43.04.16 Nhar il-05.11.24 inżammet il-laqgħa tal-progett Arts for Social change ġewwa Seminarju għall-applikanti li urew interess fid-drama.

43.04.17 Nhar il-05.11.24 irċevejna minn Reġjun Nofsinhar li Contract ref; STH/T/02/2020 The Provision and Maintenance of Streetlighting ser jieqaf jitħaddem nhar 09.12.24

43.04.18 Nhar is-06.11.24 tajna rendikont lid-DG fuq talba li għamlilna dwar multi li r-Reġjun Punent ħareg rigward CT2136-2022, 'Tender for Household waste collection using low emission vehicles in Western Region'.

43.04.19 Nhar is-07.11.24 beda it-taħriġ Award in English Writing and Reading for Business Management li għalih qed jattendu DC, AV, KX.

43.04.20 Nhar it-08.11.24 sar il-budget workshop mal-ħaddiema tal-kunsilli bejn 12:30 sa 16:30 u mill-17:30 sa 20:00 sar il-Workshop bejn Sindki, Kunsilliera u Segretaji Eżekuttivi.

43.04.21 Nhar it-08.11.24 ircivejna Cir AKL 2024 - 078 - Christmas Football Tournament, b' risq il-Malta Community Chest Fund li ser isir nhar 22.12.24.

43.04.22 Nhar id-09.11.24 sar football Tournament ġewwa Ħad-Dingli fejn għall-ewwel darba ipparteċipaw tmien nurseries.

43.04.23 Nhar 11.11.24 Ir-Reġjun kien infurmat li DLG kien bgħat korrispondenza SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025. Tali applikazjoni tagħlaq nhar 02.12.24. Għal darb oħra ġbidna l-attenzjoni lid-DLG sabiex ir-Reġjun Punent ikun ikkupjat f'kull korripondenza.

43.04.24 Nhar il-11.11.24 irċevejna Ċir AKL 2024/079 Save the date: 22nd November 2024! "Increasing Digitalisation Awareness & Readiness of Maltese Communities" li ser issir nhar 22.11.24.

43.04.25 Nhar it-12.11.24 irċevejna Cir AKL 2024/080 Expo - Inspiring Change: Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities! 22.11 sa 23.11.2024 ġewwa il-lukanda Radisson Blu Resort & Spa, Malta Golden Sands, f' Għajn Tuffieħa L/O Mellieħa. L-iskop tal-attivita huwa għal Kunsilliera li taħt saqaf wieħed ikollhom iċ-ċans jduru esebizzjonijiet tal-istakeholders li jaħdmu mall-Kunsilli Lokali, filwaqt li jipparteċipaw f'workshops apposta, li huma intiżi biex jgħinuhom fil-qadi ta' dmirijiethom bħala Kunsilliera, fid-dekasteri varji tagħhom.

43.04.26 Nhar it-13.11.24 is-Sur Vassallo ġibed l-attenzjoni dwar il-poter li jagħmel avviżi rigward Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ fil-gazzetta tal-Gvern, huwa vestit esklussivament fil-Kummissarju tal-Pulizija u fl-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta u dan skont Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u jista' jiġi eżerċitat minnhom fil-parametri msemmija fl-istess liġi. Talab sabiex b'effett immedjat ma jkunx hemm aktar talbiet għall-pubblikazzjoni ta' tali avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern, stante li dawn ma humiex infurzabbli. L-AKL talbet laqgħa urġenti ma DLG, Pulizija u Lesa dwar dawn il-permessi. Dan minħabba sentenza tal-Qorti fejn nħolqot ambigwità għax permessi ta' Kunsilli Lokali fuq Gazetta tal-Gvern ma'għadhomx inforzabbli għax Pulizija biss jistgħu jagħmluha inforzabbli.

43.04.27 Nhar l-14.11.24 irċevejna mingħand is-Sa Doughty fejn infurmatna dwar il-preparamenti għal festival Komunita 60+. Ser ikunu qiegħdin jitqassmu ' Flyers' lil kull Reġjun sabiex jiġu imqassma lill-Kunsilli Lokali u jitpoġġew f'post prominenti sabiex ikunu jistgħu jarawhom in-nies.

43.04.28 Nhar l-14.11.24 irċevejna min ACR+ fejn infurmawna li HOOP ser ikunu qed jorganizzaw Study Visit ġewwa l-Italja. Bl-għan li titħol f'sistemi differenti ta' ġbir ta' skart ta' bijoskart. Kif ukoll tiffoka fuq miżuri ta' involviment tas-settur HORECA biex jitjieb il-ġbir tal-bijoskart.

43.04.29 Nhar l-14.11.24 irċevejna mill-EUPA fejn stednuna għal sessjonijiet ta' informazzjoni nhar 21.11.24 li se jipprovdu għarfien dwar opportunitajiet ta' Erasmus+ u korp Ewropej ta' Solidarjetà.

43.04.30 Nhar l-14.11.24 il-Maniġier tal-Ambjent informa lis-Sindki, lill-Kunsilliera responsabbli fuq l-iskart kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi dwar il-fondi li hemm relatati mal-iskart.

43.04.31 Nhar il-15.11.24 ipparteċipajna fl-ewwel Youth Research Working Group mal-Aġenzija Zgħażagħ.

43.04.32 Nhar it-18.11.24 ittellgħet laqgħa reġjonali dwar il-Fondi Ewropej mis-SEM ġewwa Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi. Din kienet miftuħa għal Kunsilli Lokali, NGOs u nies tar-Reġjun. L-iskop ta' din il-laqgħa informattiva huwa li tingħata informazzjoni u spjegazzjoni dwar x'fondi Ewropej hemm, kemm għall-Kunsilli Lokali kif ukoll għall-organizzazzjonijiet volontarji.

43.04.33 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tagħmel laqgħa mas-Sindki rigward proġett pilota ta' 'Waste Collection Points' fil-lokalitajiet.

**43.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**43.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

43.06.01 Rapport tal-IT Manager – All Digital Summit ġewwa Barcelona Spanja

43.06.02 Kwotazzjoni RFQ194/2024 – Request for Quotation for the Purchase of Wheelie Bins and Skips.

43.06.03 Kwotazzjoni RFQ196/2024 – Request For Quotation for Catering Services.

43.06.04 Kwotazzjoni RFQ197/2024 – Request For Quotation for Purchase of Trees

43.06.05 Kwotazzjoni RFQ198/2024 – Request For Quotation for the Supply and Delivery of CCTV signs and ancillary poles.

43.06.06 Kwotazzjoni RFQ199/2024 – Request For Quotation for the Service of Bookkeeping.

43.06.07 Kwotazzjoni RFQ200/2024 – Request For Quotation for Teambuilding event.

43.06.08 Kwotazzjoni RFQ201/2024 – Request For Quotation for Waste Collection.

43.06.09 Kwotazzjoni RFQ202/2024 - Request For Printing of A4 Leaflets

**43.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

43.07.01 Kwotazzjoni RF194/2024 – Request for Quotation for Wheelie Bins and Skips.

Il-President informa li ntbaghtu erba' inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Rabat is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.02 Kwotazzjoni RF196/2024 – Request for Quotation for Catering Service.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.03 Kwotazzjoni RF197/2024 – Request for Quotation for Purchase of Trees

Il-President informa li ntbaghtu erba' inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.04 Kwotazzjoni RF198/2024 – Request for Quotation for the Supply and Delivery of CCTV signs and ancillary poles.

Il-President informa li ntbaghtu tlett inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna żewġ offerti. Fejn waħda minnhom intbgħatet wara l-ħin. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.05 Kwotazzjoni RF199/2024 – Request for Quotation for the Service of Bookkeeping.

Il-President informa li ntbaghtu tlett inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.06 Kwotazzjoni RF200/2024 – Request for Quotation for Teambuilding event.

Il-President informa li ntbaghtu tlett inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.07 Kwotazzjoni RFQ201/2024 – Request for Quotation for Waste Collection for Illuminated Trail

Il-President informa li ntbaghtu tlett inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.07.08 Kwotazzjoni RFQ202/2024 – Request for Quotation for the Printing of A4 Leaflets

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.31**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 31.

Proponent: Is-Sindku ta' l-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.09 Ktieb Djar t'Alla Djar tal-Poplu bil-lingwa Ingliża**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent jippublika 100 kopja 'hard bound' tal-ktieb Djar t'Alla, Djar tal-Poplu bil-lingwa Ingliza u jkun hemm QR code bil-lingwa Maltija.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.10 Materji Oħra**

43.10.01 **Sħubija tar-Regjun Punent fil-Moviment Living-In.EU**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent jiffirma dan l-MOU.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.10.02 **Espressjoni ta' interess għal Children Choir Director tar-Reġjun Punent**

Il-President ressaq abbozz dwar il-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għal Direttur tal-Kor tar-Reġjun.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.10.03 **Kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jikollabora mal-Fondazzjoni għall-konservazzjoni tan-naħla Maltija sabiex issir taħdita fuq dan is-suġġett u nqajjmu akttar kuxjenza fuq in-naħla Maltija. Is-Sindki ta' Ħal Kirkop, Ħal-Safi u Ħaż-Żebbuġ offrew li jospitaw dawn il-laqgħat.

.

Sekondant: Is-Sindku ta' Hal-Safi, is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.10.04 **Espressjoni ta' Interess – Ktieb tan-niċeċ**

Il-President ressaq abbozz dwar il-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess għal awtur biex jikteb fuq in-niċeċ fir-Reġjun Punent.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament.

43.10.05 **Proġett Tomatiq**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent jesplora l-possibilta' li jkun hemm transport alternattiv mill-privat fir-Regjun Punent permezz tal-proġett Tomatiq.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.11.06 Għati Rigal Ktieb**

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent joffri skema ta' Eur200 lil kull Kunsill Lokali biex jkunu jistgħu jinxtraw kotba u jingħataw lill-iskejjel, libreriji jew għaqdiet oħra fi żmien il-Milied.

Sekondant: Is Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.11 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **19 ta' Diċembru, 2024 fil-11:30am.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum